**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 47/2012**

**Illum: 14 ta' Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Wayne Caruana**
**(ID 258188(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Caruana ta' 23 sena, iben Denis u Michelle (Michaela) nee` Cumbo, imwieled Pieta` fl-1 ta' Gunju 1988, residenti Blk 12, Bieb 6, Flt 10, Triq il-Gardenja, Santa Lucija u/jew 'Ayers Rock', Triq Melqart, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita` nru 258188(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Frar 2012 u fiz-zmien ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163, liema hsara ma tiskorrix l-€116.47, imma hi izjed minn €23.29, ghad-dannu tal-kumpanija Topcar Services Ltd.;

4. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi; kif ukoll

5. Saq vettura tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 b'giri aktar milli jmiss u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb u in oltre wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi kollha mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fix-xhieda tieghu, **PS 279 Kevin Gauci**[1] jghid illi fl-4 ta' Frar 2012, kmieni wara nofsinhar, kien qieghed fl-inhawi taz-Zejtun fejn kien hemm PS 579 li kien qed jaghmel xi osservazzjoni fil-pjazza, quddiem il-knisja taz-Zejtun. F'xi hin, l-istess PS 579 indika lilu u lil PC 10, li kien mieghu fl-istess vettura, li kien hemm persuna b'Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713, li kien qed jaghmel movimenti suspettuzi. Ghalhekk, ix-xhud flimkien mal-kollega tieghu, avvicinaw l-pjazza, f'liema hin gew infurmati li l-istess persuna marret fuq wara tal-knisja fejn hemm parkegg. X'hin waslu fil-parkegg, innutaw guvni ossia lill-imputat odjern u wara li osservawh ghal ftit hin, dan deher jitlaq minn fuq il-post bil-vettura fis-sens li hareg minn gewwa l-parkegg, fejn gie gewwa Triq San Girgor, liema triq tigi ma' genb il-knisja. Dak il-hin, ix-xhud informa lill-kollegi tieghu li kienu f'vettura ohra li l-imputat kien gej fid-direzzjoni taghhom u indikalhom biex jimblukkawlu t-triq. Ix-xhud jghid ukoll illi x'hin kienu hergin mill-*parking area*, raw lill-imputat isuq bir-*reverse* b'velocita` eccessiva. Il-kollega tieghu, b'vettura ohra tas-servizz, kien qieghed isegwi lill-imputat, fil-waqt illi pulizija iehor kien qed jigri fid-direzzjoni tal-imputat. Ix-xhud jghid illi bil-

[1] A fol. 16 *et seq* tal-process.

vettura li kien fiha hu, segwew lill-imputat ghal xi mitt metru u x'hin imblukkawlu t-triq, sehh impatt ma' vettura tas-servizz tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163, li fiha kien hemm PC 365 u li ma kinitx il-vettura li kien jinsab fiha hu.

Skond ix-xhud, hekk kif l-imputat gie mwaqqaf, huwa deher li kien qed jipprova jibla' xi haga. Huma marru fuqu, qalulu biex johrog dak li kellu f'halqu u wara li uzaw ftit forza, l-imputat bezaq borza tal-plastik li kien fiha boroz zghar tal-plastik bi trab kannella suspettat droga. Minn fuq il-persuna tal-imputat, PC 10 eleva ammont sostanzjali ta' flus u zewg *mobile phones*, fil-waqt li mill-vettura PC 1348 gew elevati erba' *mobile phones*, mizien elettroniku, *money detector*, *sim card* tal-Vodafone, zewg arloggi tal-idejn, *tourniquet*, licenza ta' certu Anthony Theuma u borza tal-plastik bil-kantuniera nieqsa. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-investigazzjoni ulterjuri.

In kontro-ezami, mistoqsi x'ried ifisser meta qal illi ra lill-imputat isuq lura b'velocita` eccessiva, ix-xhud wiegeb illi x'hin innutaw li l-imputat kien ser johrog mill-parkegg, huwa informa lill-kollegi tieghu, li kienu gejjin b'vettura min-naha l-ohra, li l-imputat kien gej fid-direzzjoni taghhom. Fil-frattemp, ix-xhud u l-kollega tieghu kienu hergin mill-*car park* biex imorru wara l-imputat, izda kif kienu ser johorgu, f'daqqa wahda giet il-vettura tal-imputat "*gas down bir-reverse fuq main road*".[2] Il-kollegi tieghu li kien fadal fil-vettura l-ohra bdew isegwuh ghaliex l-imputat kien qed jipprova jahrab, fil-waqt li pulizija iehor kien bil-giri. Ix-xhud u l-kollega tieghu wkoll bdew isegwu lill-imputat bil-vettura taghhom u finalment, b'xi mod jew iehor, imblukkawlu t-triq bil-vetturi.

Fix-xhieda tieghu, **PS 579 Antoine Micallef**[3] jghid illi fl-4 ta' Frar 2012, huwa kellu struzzjonijiet sabiex jaghmel osservazzjoni gewwa l-pjazza taz-Zejtun, Pjazza Gregorio Bonnici, hdejn is-Salib, fejn ghall-habta tal-11.30 a.m., huwa nnota lill-imputat flimkien ma' persuna ohra maghrufa mal-pulizija, certu John Farrugia, maghruf bhala l-Barka. Huwa rahom dehlin gewwa l-bank taz-Zejtun u malli hargu, Farrugia ghadda ammont ta' flus lill-imputat. Ghall-habta tas-1.00 p.m., l-imputat ipparkja l-karozza vicin is-Salib, fil-pjazza taz-Zejtun u nnutah jaghmel xi haga taht is-*seat* tal-karozza u xi haga fejn il-*gear lever*. Ix-xhud jghid illi huwa ra lill-imputat jitlaq minn fuq il-post bil-mixi, rega' gie, rah jerga' jidhol taht is-*seat* u jitfa' xi haga zghira fil-but. Dak il-hin huwa nforma lill-kollega tieghu, ossia lil

[2] A fol. 19 tal-process.
[3] A fol. 30 *et seq* tal-process.

PC 10 Trevor Cassar Mallia, li kien fil-vicin biex iwaqqaf lill-imputat bil-vettura u infurmah ukoll illi l-imputat mar wara l-knisja.
Fix-xhieda tieghu, **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[4] jghid illi waqt illi kien qed jaghmel osservazzjoni gewwa z-Zejtun, PS 579 ikkuntattjah, qallu li ra persuna suspettuza li kien qed jaghmel xi kuntatti ma' xi nies u li anke ra xi nies jghaddulu xi flus. Wara li ghall-habta tat-2.45 p.m., PS 579 avza lix-xhud li l-istess persuna kien dar lejn il-parkegg ta' wara l-knisja taz-Zejtun, ix-xhud avvicina l-istess *parking area*, fejn x'hin dahal, huwa ra guvni, bl-istess deskrizzjoni, ihares lejhom. Mieghu kien hemm PS 279. Ix-xhud dawwar il-vettura u qisu pparkja, fil-waqt illi avza lill-vettura l-ohra biex tavvicina lejhom. Ix-xhud jghid illi ftit sekondi wara, huwa ra Toyota BBR 713 ta' kulur *silver* hierga minn hdejn il-*parking area* u kien ser jaqbad isuq wara din il-vettura (ghaliex PS 579 diga` kien avzah illi l-persuna li semmielu kien qieghed b'dik il-vettura), avza lill-kollegi tieghu fil-vettura l-ohra biex jghalquh, meta ra l-vettura Toyota gejja "*bir-reverse xkanat lura*"[5] gewwa Triq San Girgor. Ix-xhud jghid illi huwa saq warajhom u ghalqu lill-imputat qisu zewg kantunieri l'boghod. Huma marru fuq l-imputat li beda joghmod xi haga f'halqu, harguh mill-karozza, ppruvaw jifthulu halqu, l-imputat ma riedx jiftah halqu, izda hin minnhom waqt li kien mal-art, bezaq borza li kien fiha diversi boroz ohra bi trab kannella. Ix-xhud jghid illi minn fuq il-persuna tieghu eleva zewg *mobiles* u ammont ta' flus, fil-waqt illi mill-vettura, PC 1348 eleva mizien elettroniku, xi *mobiles* ohrajn, licenza tas-sewqan ta' certu Anthony Theuma u xi borza bil-kantunieri maqtughin. Meta l-imputat twaqqaf, huwa laqat il-vettura l-ohra tal-pulizija. Sussegwentement, l-imputat gie arrestat u mghoddi lill-Ispettur Fenech ghal investigazzjoni ulterjuri.

In kontro-ezami, meta gie ssuggerit lilu illi l-habta kienet wahda minima, ix-xhud wiegeb illi l-habta kienet minima ghaliex huwa zamm il-*break* u li kieku huwa baqa' hiereg bil-vettura "*kieku laqatni, kien idawwarni 6 dawriet*".[6] Jghid illi fil-habta ma kinitx involuta l-vettura li kien qed isuq hu, li l-imputat kien qed jirriversja, il-vettura l-ohra ghalqitu, fil-waqt illi l-vettura tieghu ghalqet lil dik tal-imputat minn quddiem. Il-hsarat fil-vettura l-ohra tal-pulizija kienu minimi. Ix-xhud rega' rrepeta illi "*Kieku jiena bqajt hiereg ghal gol-main road u laqatni kien idawwarni 6 dawriet zgur bil-karozza. Gas mal-pjanca jigifieri, gas down*".[7] Mistoqsi allura kif kien jispjega illi kien hemm biss zewg barxiet fuq il-vettura tal-pulizija, ix-xhud wiegeb illi l-imputat kien ghaddej b'lura fil-*main road,* huma

[4] A fol. 32 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 33 tal-process.
[6] A fol. 34 tal-process.
[7] A fol. 34 tal-process.

baqghu jsegwuh u mbaghad l-imputat inghalaq u gie mal-bankina u ma setax ikompli jsuq. Jghid illi ghalquh bejn zewg karozzi.

Fix-xhieda tieghu, **PC 1348 Joseph Campbell**[8], jghid illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tat-2.40 p.m., kienu qeghdin gewwa z-Zejtun meta nnutaw vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BBR 773 tagixxi b'mod suspettuz u ddecidew li jintercettawha. Ghalqulha t-trib fil-genb tal-knisja taz-Zejtun u "*dan dahhal ir-reverse u rriversja gas down mill-ewwel it-triq kollha*".[9] Ix-xhud jghid illi huwa nizel mill-vettura bil-pass, jigri warajh. Jghid ukoll illi kienu nfurmawh li huma pulizija u li dan mal-kelma 'pulizija' rriversja. Il-vettura giet imwaqqfa ftit izjed lura, wara li ghalqulha t-triq u laqtghet vettura taghhom. F'halqu l-imputat kellu borza tal-plastik fi fiha kien hemm diversi boroz zghar bi trab kannella suspettat eroina. Mill-vettura, gew elevati mizien elettroniku, flimkien mas-somma ta' €1,600 u xi haga ohra zghar tal-flus u zewg *mobile phones*. Ix-xhud gharaf l-oggetti esebiti bhala Dokument JF3 bhala l-oggetti li gew elevati mill-vettura u gharaf ukoll l-arloggi u l-oggetti ohrajn fl-istess esebit. Ix-xhud jghid illi l-vettura tal-pulizija garrbet danni zghar fuq il-*mudguard*.

In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li huma ntercettaw il-vettura u li dak il-hin, huma kienu pajzana, li kien hemm vettura ohra tal-pulizija fil-parkegg tal-knisja, li kienet pajzana wkoll. Ix-xhud jghid illi l-imputat kien qed isuq il-vettura. Mill-vettura li kien qieghed fiha hu, ma kinux qed jaraw il-vettura tal-imputat ghaliex huma kienu fuq in-naha ta' quddiem tal-knisja u x'hin il-vettura l-ohra tas-servizz rat il-vettura tal-imputat, il-kollegi tieghu f'dik il-vettura ddecidew li huma ghandhom jintercettaw il-vettura tal-imputat. Huma gew minn quddiem *head on* mal-vettura tal-imputat u ghalqulu t-triq biex ma jghaddix. Ix-xhud hareg mill-vettura, qallu 'pulizija' u mal-kelma 'pulizija', l-imputat irriversja. Meta gie ssuggerit lilu illi l-imputat gie ssikkat minn zewg vetturi, ix-xhud spjega illi l-vettura tal-imputat giet maghluq minn quddiem u minn wara, izda l-vettura fuq in-naha ta' wara ma ghalqitx bizzejjed u l-imputat irnexxielu jghaddi minn bejn il-vettura u l-hajt. Skond ix-xhud, bejn wiehed u iehor, l-imputat irriversja mitt metru f'temp ta' sekondi. Jghid ukoll illi l-imputat gie arrestat mill-ewwel, li fl-arrest kien hemm ftit rezistenza biex harguh mill-vettura sakemm bezaq dak li kien tefa' f'halqu, ossia d-droga. Skond ix-xhud, l-imputat prova jahrab izda ma rnexxielux ghaliex ghalqulu t-triq.

8 A fol. 47 *et seq* tal-process.
9 A fol. 47 tal-process.

**PC 365 Malcolm Grixti**[10] xehed illi fil-jum in kwistjoni ghall-habta tat-2.45 p.m., kellhom struzzjonijiet sabiex iwaqqfu vettura Toyota bin-numru BBR 713, gewwa z-Zejtun. Hekk kif kienu quddiem il-knisja taz-Zejtun, din il-vettura giet fid-direzzjoni taghhom u waqfet. Ix-xhud jghid illi l-kollega tieghu nizel mill-vettura u hekk kif qallu li huwa pulizija, is-sewwieq dahhal ir-*reverse* u saq tul it-triq. Jghid ukoll illi huwa saq mieghu (bil-vettura Hyundai Getz IQZ 163), qabzu u wara xi 200 metru, is-sewwieq waqaf ezatt mal-vettura tal-pulizija, fis-sens illi l-vettura tieghu misset ma' dik tal-pulizija. Ix-xhud jghid ukoll illi s-sewwieq irrezista lill-pulizija u wara li saret tfittxija fil-vettura tieghu, instabu borza b'diversi boroz bi trab kannella, xi €1,600, *money detector*, diversi *mobiles* u mizien digitali. Dwar il-boroz bi trab kannella, ix-xhud imbaghad jghid li l-imputat kien prova jiblaghhom waqt li kien fil-vettura u li x'hin harguh mill-vettura, nehhiehom. Ix-xhud jispjega wkoll illi l-imputat irrezista l-arrest billi ma riedx johrog mill-karozza u prova jibla' l-borza li kellu fil-pussess tieghu. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-investigazzjoni. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi fil-vettura tieghu kienu zewg persuni, fil-waqt illi kien hemm zewg persuni ohra f'vettura ohra tal-pulizija. X'hin waqqfu lill-imputat, il-kollega tieghu nizel mill-karozza u kif qal lill-imputat li kien pulizija, dan saq. Ix-xhud kien qed isuq il-vettura.

Fix-xhieda tieghu, **PS 1386 Anthony Agius**[11] jghid illi fl-4 ta' Frar 2012, ghall-habta tas-2.30 p.m., kienu cemplulu mill-*control room* u qalulu li kien hemm kollizjoni fi Triq San Girgor, Zejtun, f'liema kollizjoni kienet involuta vettura mikrija lill-Iskwadra kontra d-Droga. Huwa mar fuq il-post u sab illi f'din il-kollizzjoni kienet involuta vettura BBR 213 tal-ghamla Toyota misjuqa minn Wayne Caruana u vettura IQZ 163 tal-ghamla Hyundai, misjuqa minn PC 365 tal-Iskwadra kontra d-Droga. Ix-xhud ha l-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa dwar kif sehhet il-kollizzjoni u esebixxa skizz u rapport dwar l-istess.[12] In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi huwa mar fuq il-post wara li diga` kienet sehhet il-habta u li l-vetturi ma kellhomx hsarat kbar, izda habtu *bumber* ma' *bumper*.

Xehed ukoll l-**Ispettur Johann J. Fenech**[13], li wara li spjega dak li kien ta lok ghall-arrest tal-imputat, esebixxa l-istqarrija rilaxxjata minnu fil-5 ta' Frar 2012[14], kif ukoll l-oggetti li gew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat u mill-vettura

[10] A fol. 75 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 20 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 23 *et seq* tal-process.
[13] A fol. 39 *et seq* tal-process.
[14] Esebita a fol. 43 *et seq* tal-process.

tieghu, flimkien ma' ricevuta tal-flus[15] li kienu nstabu fuqu. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi l-imputat qallu li kien jaghmel uzu mill-eroina.

Ix-xhud **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' l-Awtorita` dwar it-Trasport, xehed illi mir-ricerka li huwa ghamel, irrizultalu illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 hija Toyota Corolla ta' kulur silver registrata fuq l-imputat odjern u li ilha hekk registrata mit-28 ta' Lulju 2011.[16]

Ix-xhud **Sergio Camilleri**[17] jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, il-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163 kienet mikrija lill-Korp tal-Pulizija u fl-4 ta' Frar 2012, din kienet qed tintuza mill-Iskwadra kontra d-Droga, meta gie nfurmat li kienet involuta f'incident. Jghid illi l-vettura kellha hsara fil-*bumper* ta' wara, liema hsara ssewwiet u l-*bumper* ghalhekk ma nbidilx. Skond ix-xhud, l-istima globali titla' €116.50, eskluz il-VAT. Ix-xhud jghid illi ma kienx hemm affarijiet kbar, izda l-*bumper* inqala' u gie sprejjat.

Mir-relazzjoni tal-**Ispizjar Mario Mifsud**[18], jirrizulta illi l-istess espert inghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi ossia borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm:

a) Borza li go fiha kien hemm kwantita` ta' euros, liema borza ma gietx miftuha;

b) Borza li go fiha kien hemm *mobile* tal-marka 'Nokia' u *money detector*, liema borza ma gietx miftuha;

c) Borza li go fiha kien hemm *mobile* tal-marka 'Nokia', liema borza ma gietx miftuha;

d) Fil-borza kien hemm ukoll zewg *straps* wahda ta' lewn isfar u ohra ta' lewn ahdar, mizien elettroniku li kien jahdem (jizen massimu ta' 100g) u borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm bicca plastik trasparenti u speci ta' bicciet ta' plastic u boroz zghar hafna ta' plastic u trab ta' lewn kannella.

Dawn gew ilkoll moghtija l-Kodici tal-Laboratorju 091/13/01.

[15] A fol. 46 tal-process.
[16] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[17] A fol. 112 *et seq* tal-process.
[18] A fol. 65 *et seq* tal-process.

Fir-rigward ta' dan l-ahhar dokument, l-espert ikkonkluda illi:

a) Ma nstabux sustanzi illegali fuq il-mizien elettroniku;

b) Fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 091/13/01 f'ammont nett totali ta' 1.83 grammi nstabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita` tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 39.6%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

L-imputat qed jigi akkuzat fl-ewwel lok bil-pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza ghall-4 ta' Frar 2012 u z-zmien ta' qabel din id-data, kif ukoll bl-aggravju tad-distanza.

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi fl-4 ta' Frar 2012, l-imputat instab fil-pussess ta' boroz li kien fihom trab kannella u skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi dan it-trab kien jikkontjeni droga eroina. Id-difiza tikkontendi illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fi kliem iehor, dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess droga.

**Fl-istqarrija rilaxxjata minnu** fil-5 ta' Frar 2012, ossia l-ghada li gie arrestat, wara li nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova u wara li rrifjuta d-dritt li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, l-imputat jghid illi huwa jahdem fil-kostruzzjoni u li ghandu Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713. Jghid illi jghix ma' ommu u l-*partner* taghha, jikkonferma li ghandu l-vizzju tad-droga u cioe` tad-droga eroina u jghid illi jabbuza minnha billi jahraq u jittaqqab. L-ahhar li ha l-eroina kien fil-jum ta' qabel, filghodu, illi jiehu bejn gramma u gramma u nofs kuljum u li ilu hames snin jabbuza mill-eroina. L-imputat jikkonferma illi fil-pussess tieghu nstabu s-somma ta' €1690, zewg *mobile phones* u borza tal-plastik li fiha kien hemm ammont ta' boroz zghar bi trab kannella u li dan it-trab huwa eroina. Mistoqsi x'kienu qed jaghmlu ghandu dawn il-flus kollha, l-imputat jghid illi kien ser inizzilhom id-dar mieghu, li kien gibidhom mill-bank u mistoqsi jekk gibidhomx f'daqqa, huwa jwiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ghalfejn joqghod igorrhom mieghu, huwa ma wegibx. Mistoqsi ghalfejn kellu zewg *mobiles*, l-imputat rega' ma wegibx u ghamel l-istess meta mistoqsi x'kienu qeghdin jaghmlu fil-vettura tieghu, l-*erba' mobiles*, zewg arloggi tal-idejn, *money detector*, mizien elettroniku, *sim card* tal-Vodafone u licenza tas-sewqan ta' certu Anthony Theuma. Huwa jichad illi l-flus kienu gejjin mill-bejgh tad-droga jew li kien gibidhom biex jixtri d-droga. Jghid illi m'ghandux dejn u meta gie ssuggerit lilu illi l-mizien kien ghandu biex jizen id-droga, ghazel li ma jwegibx. Mistoqsi dwar il-*money detector*, l-imputat qal li dak imbarazz, li ddubbah u tefghu hemm u mistoqsi jekk l-arloggi u l-*mobiles* kinux misruqin, huwa jwiegeb fin-negattiv. Altrimenti l-imputat ma wiegeb xejn ghad-domandi li sarulu sussegwentement mill-Ufficjal Investigatur, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri[19], imbaghad, wara li nqratlu l-istqarrija rilaxxjata minnu, **l-imputat** jikkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija u dwar id-droga li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi x'hin twaqqaf, id-droga

[19] A fol. 115 *et seq* tal-process.

ghamilha f'halqu u peress illi beza', dak il-hin pprova jibla' l-boroz. Fir-rigward tad-droga, mistoqsi kemm kellu boroz, huwa jghid illi kellu xi ghoxrin borza u jikkonferma illi d-droga li nstabet fil-pussess tieghu b'piz ta' cirka 1.8 grammi kienet maqsuma f'ghoxrin borza. Jikkonferma li dak iz-zmien, huwa kien jahdem u li l-flus li nstabu fil-pussess tieghu, kienu flus tal-paga, li dak iz-zmien huwa kien ser ihallas il-licenza u l-*insurance* u li kien ghadu kif mar jigbed mill-bank ghaliex kienet ghadha kif dahlitlu l-paga. Fiz-zmien mertu tal-kaz, kien jahdem mal-Elbros fuq kostruzzjoni. Mistoqsi dwar il-vizzju tieghu tad-droga dak iz-zmien, l-imputat jghid illi "*kont niehu sew dak iz-zmien u niehu l-methadone u hekk*"[20], li kien jiehu kuljum u li f'gurnata kien jiehu gramma, gramma u nofs u gieli anke izjed. Kien jahraqha jew inkella jittaqqab u meta gie ssuggerit lilu illi ma kienx jiehu gramma f'darba, huwa jghid illi gieli kien jiehu nofs u nofs u mistoqsi kemm il-darba kien jabbuza mid-droga kuljum, l-imputat jerga' jghid illi kien jiehu gramma jew gramma u nofs zgur. Mistoqsi ghalfejn il-pakketti kienu maqsumin, ix-xhud jghid illi kien xtrahom hekk. Jghid illi kien ilu xi hames snin jabbuza mid-droga, imbaghad mar ghand l-Agenzija Sedqa u kien ihalli l-kampjuni tal-urina kull gimgha, sakemm qata' l-mistura bil-mod. Jghid illi issa kien ilu xi sena jew sena u nofs *clean* u minghajr mistura.

Dwar id-droga misjuba fil-pussess tieghu, in kontro-ezami, l-imputat jghid illi l-fornitur tieghu tah id-droga maqsuma f'pakketti u meta gie ssuggerit lilu illi tahomlu hekk ghaliex kien hu stess li talabhom maqsumin, huwa nnega dan u qal b'referenza ghall-fornitur tieghu illi "*ma kellux jaghtihieli shiha u qalli dawn ghandi*".[21] Jghid illi s-soltu kien jixtri d-droga f'borza shiha u kien jixtri gramma, gramma u nofs. Jikkonferma li huwa kien imur jixtri d-droga kuljum u jghid illi din id-doza huwa gieli kien jehodha f'darbtejn. Jghid illi huwa kien jixtriha shiha u mbaghad jaqsamha f'darbtejn. Mistoqsi kemm kien ihallas ghal doza, huwa jghid illi "*jien naf, forsi mija jew inqas*"[22] ossia mitt Euro ghal gramma jew inqas, u li mhux dejjem kien jixtriha l-istess. Kien dakinhar biss li xtara d-droga f'boroz zghar maqsumin. Jghid illi s-soltu d-droga kien jaghtihielu shiha peress illi kienet tkun ghalih, izda dakinhar ma tahilux shiha, ghax ma kellux. Jghid illi d-droga, madankollu, kienet ghalih.

Illi fl-ewwel lok, jirrizulta mhux biss mill-istqarrija tal-imputat u mix-xhieda tieghu, izda wkoll mix-xhieda ta' **Vicky Scicluna**, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina.[23] Skond

[20] A fol. 124.
[21] A fol. 128 tal-process.
[22] A fol. 129.
[23] A fol. 137 *et seq* tal-process.

l-imputat, il-vizzju tieghu kien wiehed pjuttost serju u fi kliemu, apparti li kien jiehu l-*methadone*, huwa kien juza zgur bejn gramma u gramma u nofs eroina kuljum. Biss illi l-imputat kien huwa stess jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni, anke jekk dan l-uzu kien wiehed serju, ma jeskludix necessarjament illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu ma kinitx intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Ghal dan il-ghan, il-Qorti trid tezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex tiddetermina jekk jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi, illi l-pussess tad-droga da parti tal-imputat kienx wiehed aggravat u mhux biss semplici, kif isostni hu. F’dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi ghalkemm l-ammont ta’ droga misjub fil-pussess tal-imputat ma kienx xi wiehed sostanzjali u skond l-imputat, jikkonsisti f’ammont vicin hafna tal-ammont li kien jikkonsma huwa stess f’gurnata, biss din id-droga nstabet maqsuma f’diversi boroz zghar tal-plastik u skond l-imputat stess fil-fatt kienet maqsuma f’madwar ghoxrin borza. Anke l-Ufficjali tal-Pulizija xehdu illi nstabu fil-pussess tal-imputat diversi boroz bit-trab kannella. Issa f’dan ir-rigward l-imputat jghid illi kien dakinhar biss illi l-fornitur tieghu bieghlu d-droga b’dan il-mod ossia maqsuma f’diversi boroz ghaliex altrimenti dejjem xtara gramma jew gramma u nofs shiha u mbaghad kien hu li jaqsamha ghall-uzu tieghu. Biss tenut kont tac-cirkostanzi li fihom instabet din id-droga fil-pussess tal-imputat u l-oggetti l-ohrajn li nstabu fil-pussess tieghu, il-Qorti ssib din il-verzjoni tieghu inattendibbli u inverosimili. Il-Qorti tqis in-numru sostanzjali ta’ boroz li fih kienet maqsuma d-droga kif ukoll il-fatt illi huwa ben risaput illi d-droga eroina tinbiegh fi qratas tal-karti jew boroz tal-plastik bhala fatturi ferm sinjifikanti. Tqis ukoll bhala sinjifikanti l-fatt illi l-imputat instab barra b’din id-droga kollha, droga li skond hu, kellha sservih ghal gurnata shiha u anke ftit izjed u dan meta skond hu, diga` kien ha d-droga filghodu u ghalhekk barra u fil-pussess tieghu, l-imputat kellu certament izjed droga milli kien jehtieg ghall-konsum tieghu dakinhar. In oltre il-Qorti ma tistax ma tihux kont u tqis bhala fatturi sinjifikanti wkoll illi fil-pussess tal-imputat instabu mizien elettroniku – li skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud kien jahdem - u *money detector*, kif ukoll zewg arloggi tal-idejn u licenza tas-sewqan ta’ terza persuna.[24] Issa dwar dan, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid illi l-imputat kien juza l-mizien biex jikkalibra d-droga li kien qed jixtri, liema fatt madankollu ma jirrizulta mkien mix-xhieda tal-imputat jew mill-istqarrija tieghu. Dwar l-arloggi, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi dawn ma kinux misruqin. Imbaghad apparti dawn l-oggetti, l-imputat instab ukoll fil-pussess ta’ somma sostanzjali ta’ flus ossia s-somma ta’ €1690. Veru illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jahdem. Biss il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi dawn kien

[24] Ghalkemm din il-licenza ma jidhirx li giet esebita in atti, madankollu s-sejba taghha fil-vettura tal-imputat tirrizulta mix-xhieda ta’ zewg Ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti waqt l-arrest tal-imputat.

gibidhom mill-bank u li ma kienx gibidhom f'daqqa. Fix-xhieda tieghu, imbaghad l-imputat jghid illi dawn kienu flus tal-paga u li kien qed igorrhom fuqu ghaliex dak iz-zmien kien ser ihallas il-licenza u l-*insurance* u li kien ghadu kif mar jigbed dawn il-flus mill-bank ghaliex kienet ghadha kif dahlitlu l-paga. Madankollu, jirrizulta mix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef, illi dakinhar stess, ghall-habta tal-11.30 a.m. huwa kien osserva lill-imputat diehel il-bank ma' terza persuna maghrufa mal-pulizija u li x'hin hargu dan tal-ahhar ghadda ammont ta' flus lill-imputat. Ghalkemm naturalment il-Qorti m'ghandhiex hjiel dwar is-somma li giet mghoddija lill-imputat mit-terza persuna, biss dan ifisser illi m'huwiex minnu li l-imputat gibed is-somma kollha li nstabet fuqu mill-bank, kif jghid hu fl-istqarrija tieghu u fix-xhieda tieghu. Imbaghad, l-imputat lanqas ressaq xi prova, imqar sal-grad tal-probabbli, li fil-fatt dawn il-flus kien gibidhom mill-bank, kif jghid hu, jew li dawn kienu intizi sabiex ihallas il-licenza jew l-*insurance* u dan minkejja li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda. In oltre il-Qorti tqis ukoll illi skond ix-xhieda tal-imputat, huwa kien jixtri gramma eroina bil-prezz ta' €100 jew inqas u ghalhekk tenut kont illi huwa jghid illi kien jiehu bejn gramma u gramma u nofs kuljum, huwa kellu vizzju li kien jiswih kemxa flus sew. Biss biss gramma kuljum bil-prezz ta' madwar €100 tammonta ghal cirka €3,000 f'xahar, li tibqa' somma sostanzjali anke jekk l-imputat kien jahdem fiz-zmien tal-kaz odjern. Tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, kif ukoll is-sejba ta' dawn l-oggetti kollha flimkien, inkluz ukoll il-fatt illi d-droga kienet maqsuma f'numru konsiderevoli ta' boroz tal-plastik, kif ukoll illi l-imputat instab barra b'dawn il-boroz bid-droga, il-Qorti hija moralment konvinta illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza biss ghall-uzu personali u esklussiv tieghu.

Fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel imputazzjoni, ossia l-aggravju tad-distanza, mill-atti jirrizulta illi l-imputat twaqqaf fil-genb tal-knisja taz-Zejtun u li mumenti qabel twaqqaf, huwa kien qieghed fil-pjazza taz-Zejtun, fejn gie osservat minn PS 579 Antoine Micallef. Fil-fehma tal-Qorti, il-knisja jew il-pjazza huma certament postijiet frekwentati minn diversi nies ta' kwalsiasi eta`, inkluz tfal u zghazagh, izda fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra f'dan ir-rigward, ma tqisx li tista' tassimila knisja jew pjazza ta' rahal b'mod generali ma' postijiet li fihom normalment jiltaqghu specifikatament iz-zghazagh. Lanqas ma jirrizulta mill-atti illi gewwa distanza ta' mitt metru mill-pjazza taz-Zejtun jew mill-genb ta' din il-pjazza, hemm xi skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Ghaldaqstant, il-Qorti fil-waqt illi tqis dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga eroina bhala sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest

mil-ligi, ma tqisx li dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni li tirreferi ghall-aggravju tad-distanza giet sodisfacentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti. Permezz tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 96 ghandu bhala vittma lill-ufficjal pubbliku u jikkontempla tlett elementi essenzjali ghall-kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompanjata bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

Fit-tieni lok, ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "*persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku*". Ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg**, b'referenza ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9, jinghad hekk:

"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse o no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."* (sottolinear tal-Qorti)

L-awturi kollha Taljani, fosthom il-Maino u l-Carrara, jsostnu illi:

"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita' deve essere nota a chi resiste*."

Fl-ahharnett huwa necessarju wkoll illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-Professur Mamo jkompli jghid hekk:

*"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenza bejn iz-zewg reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002, gie ritenut illi:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.*"

U kif inghad fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Issa dwar dan fl-istqarrija tieghu, l-**imputat** jghid illi huwa ma waqafx mill-ewwel x'hin marru fuqu l-pulizija, ghaliex ma qalulux li kienu pulizija u x'hin waqqfuh, huwa rriversja ghaliex beza'. Mistoqsi ghaliex ipprova jahrab mill-pulizija, huwa jghid illi ma kienx jaf li kienu pulizija u li beza' li kienu ser jaghmlulu xi haga.[25] Fix-xhieda tieghu, l-imputat jerga' jsostni illi dakinhar huwa kien qed isuq bil-mod u gew quddiemu, bdew iharsu lejh u rahom qishom ser jieqfu. Il-vettura kienet wahda pajzana u x'hin rahom huwa beza'. Jghid illi kien hemm tnejn go vettura minnhom u tnejn ohra go vettura ohra. L-ewwel giet vettura minn quddiemu u mbaghad, kif resaq lura bil-vettura tieghu, dahlet vettura ohra minn warajh. B'kollox kien hemm erba' pulizija, li kienu kollha pajzana. Wiehed minnhom hareg jigri mill-vettura u pprova jwaqqfu u gie mal-vettura tieghu biex jiftahlu l-bieba. Dan beda jipprova jiftahlu l-bieba u beda jghidlu '*ieqaf, ieqaf*'.[26] In kontro-ezami, jghid illi ma kienx jaf li dawn kienu pulizija, li qalulu biss biex jieqaf u li qalulu li kienu pulizija meta harguh mill-vettura u mmanettjawh.[27]

Dwar dan, jirrizulta mill-provi mressqa illi hekk kif l-imputat saq il-barra mill-parkegg ta' wara l-knisja taz-Zejtun, il-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163, misjuqa minn PC 365 Malcolm Grixti u li fiha kien hemm ukoll PC 1348 Joseph Campbell, giet quddiem il-vettura tal-imputat u ghalqitlu t-triq. Dak il-hin, PC 1348 nizel mill-vettura u fil-waqt illi skond il-verzjoni tal-imputat, dan qallu biss sabiex jieqaf, PC 1348 jghid illi hekk kif hareg mill-vettura, huwa qallu 'pulizija', izda ma' din il-kelma, l-imputat irriversja. Anke PC 365 Malcolm Grixti jikkonferma illi hekk kif il-kollega tieghu nizel mill-vettura u qal lill-imputat li huwa pulizija, l-istess imputat dahhal ir-*reverse* u saq lura tul it-triq kollha. Dwar dan, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi l-verzjoni korretta ta' kif sehhew l-affarijiet hija dik moghtija miz-zewg Ufficcjali tal-Pulizija u dan ghaliex

---

[25] A fol. 44 tal-process.
[26] A fol. 119 sa 121 tal-process.
[27] A fol. 126A sa 128 tal-process.

fl-ewwel lok, l-imputat ma qabadx u rriversja hekk kif il-vettura Hyundai Getz ghalqitlu t-triq jew x'hin ra lill-PC 1348 gej jigri lejn il-vettura tieghu. Anzi l-imputat stess jghid fix-xhieda tieghu illi PC 1348 wasal mal-vettura tieghu u beda jipprova jiftahlu l-bieba. Ghalhekk l-imputat stenna sakemm PC 1348 jasal mal-vettura tieghu u jipprova jiftahlu l-bieba u ma saqx lura mill-ewwel, izda baqa' fil-post sakemm l-istess Ufficjal tal-Pulizija qallu li huwa pulizija u kien proprju f'dan il-mument, skond ix-xhieda taz-zewg Ufficjali tal-Pulizija, li l-imputat dahhal ir-*reverse* u saq lura matul it-triq kollha. In oltre, jidher car illi tant l-imputat fehem li dawn kienu pulizija, illi hekk kif finalment twaqqaf, l-ewwel haga li ghamel ma kinitx li johrog mill-vettura, izda prova jibla' d-droga li kellu fil-pussess tieghu – fatt dan li ma jhalli l-ebda dubju li l-imputat kien fehem tajjeb li l-persuni li kienu qed isegwuh, ghalkemm dak il-hin kienu pajzana, kienu Ufficjali tal-Pulizija.

Isegwi illi l-Qorti trid tezamina jekk l-agir tal-imputat ossia illi saq lura fit-triq hekk kif induna li PC 1348 kien Ufficjal tal-Pulizija, jammontax ghar-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni. M'hemmx dubju illi l-imputat kien qed jipprova jahrab mill-pulizija, izda t-tentattiv tieghu spicca fix-xejn meta l-vettura misjuqa minn PC 365 irnexxielha taqbzu u twaqqfu, f'liema mument ghalhekk il-vettura tal-imputat spiccat blukkata bejn il-vettura misjuqa minn PC 365 li kienet fuq in-naha ta' wara u l-vettura misjuqa minn PC 10 fuq in-naha ta' quddiem. Lanqas ma hemm dubju illi l-imputat saq lura b'velocita` eccessiva hekk kif kien hemm tentattiv da parti ta' PC 1348 biex iwaqqfu, tant illi l-Ufficjali kollha tal-Pulizija prezenti dak il-hin xehdu b'dan il-mod: skond PC 279 Kevin Gauci, huwa ra lill-imputat "*gej bir-reverse bi speed eccessiv jirriversja din it-triq bil-karozza*"[28] u li "*giet il-karozza tieghu gas down bir-reverse fuq main road*"[29], PC 10 Trevor Cassar Mallia jghid illi "*nara l-karozza Toyota gejja bir-reverse xkanat lura*"[30] u li "*kieku jiena bqajt hiereg ghal gol-main road u laqatni kien idawwarni 6 dawriet zgur bil-karozza. Gas mal-pjanca jigifieri, gas down*"[31]. L-istess jghid PC 1348 Joseph Campbell u cioe` li l-imputat "*rriversja gas down mill-ewwel it-triq kollha*".[32]

Biss ghalkemm f'dan il-mument l-imputat certament offra rezistenza, ghaliex minflok waqaf kif gie mitlub li jaghmel minn PC 1348, huwa saq lura bil-vettura tieghu biex jipprova jahrab minnu u sussegwentement anke mill-vettura li giet minn warajh misjuqa minn PC 10, ma jirrizultax illi l-imputat ezercita vjolenza jew

---

[28] A fol. 17 tal-process.
[29] A fol. 19 tal-process.
[30] A fol. 33 tal-process.
[31] A fol. 34.
[32] A fol. 47.

hebb jew forza fuq jew fil-konfront tal-imsemmija Ufficjali tal-Pulizija. Anzi semmai jirrizulta car illi l-imputat kien qieghed jipprova jahrab minnhom u li huwa saq lil hinn mill-vetturi tal-pulizija li ppruvaw jimblukkawlu t-triq. Anke PC 1348 fix-xhieda tieghu, jghid illi ghalkemm l-imputat gie mblukkat b'vettura minn quddiem u ohra minn wara u dan b'referenza ghall-vettura misjuqa minn PC 10, huwa jghid ukoll illi l-vettura ta' wara m'ghalqitx it-triq bizzejjed, bir-rizultat illi l-imputat irnexxielu jghaddi minn bejn il-vetturi u l-hajt. Kien ikun xort'ohra li kieku per ezempju, l-imputat saq jew ipprova jsuq ghal fuq il-vettura tal-pulizija jew inkella ghal fuq l-Ufficjali tal-Pulizija stess, f'dan il-kaz PC 1348 li spicca jigri wara l-imputat bil-pass, izda dan ma jirrizultax u finalment meta l-vettura misjuqa minn PC 365 irnexxielha timblokka l-vettura tal-imputat, l-impatt kien wiehed minimu.

Sussegwentement, jirrizulta illi hekk kif l-Ufficjali tal-Pulizija marru fuq l-imputat, huwa beda jipprova jibla' dawk li wara rrizultaw li kienu boroz bid-droga eroina, sakemm fl-ahhar inhareg mill-vettura u bezaq dawn il-boroz minn halqu. Fix-xhieda tieghu, PC 279 Kevin Gauci jghid illi kellha tintuza ftit forza mal-imputat biex dan fl-ahhar nehha l-boroz minn halqu[33] u PC 10 Trevor Cassar Mallia jghid illi marru fuqu, harguh mill-vettura u bdew jippruvaw jitfhulu halqu. Ghalkemm l-imputat ma riedx jiftah halqu, waqt li kien mal-art, bezaq din il-borza.[34] Da parti tieghu PC 1348 Campbell jghid illi kien hemm ftit rezistenza fl-arrest da parti tal-imputat u dan biex inhareg mill-vettura tieghu u sakemm bezaq dak li kien tefa' f'halqu.[35] PC 365 Malcolm Grixti jghid illi l-imputat ma riedx johrog mill-vettura tieghu.[36] Fil-fatt ghalkemm f'dan is-sens, l-imputat verament irrezista lill-pulizja ghal xi hin, madankollu, mkien minn din ix-xhieda ma jirrizulta illi huwa uza xi vjolenza jew forza fil-konfront taghhom, izda jirrizulta biss li ghal xi hin ma obdiex l-ordnijiet moghtija lilu u dan billi ma nehhiex mill-ewwel d-droga li kellu f'halqu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi. Madankollu, jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-imputat m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ufficjali tal-Pulizija, kemm fil-waqt illi huwa gie ordnat sabiex jieqaf u ma waqafx, kif ukoll meta gie ordnat sabiex inehhi minn halqu l-boroz bid-droga, ghalkemm eventwalment imbaghad dawn nehhihom, meta nhareg mill-vettura. Ghaldaqstant, l-imputat qed jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

---

[33] A fol. 17.
[34] A fol. 33 tal-process.
[35] A fol. 50 tal-process.
[36] A fol. 77 tal-process.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kkaguna hsara volontarja fuq il-vettura Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163 ghad-dannu tal-kumpanija Topcar Services Ltd., liema hsara teccedi s-somma ta' €23.29, izda ma teccedix is-somma ta' €116.47 u dan ai termini tal-Artikolu 325(c) tal-Kap. 9, kif vigenti fiz-zmien tal-kaz odjern. Dwar dan, il-Qorti tinnota illi t-tieni proviso tal-istess artikolu 325(1), kemm fiz-zmien tar-reat odjern kif ukoll illum wara l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tas-sena 2014, jehtieg il-kwerela tal-parti offiza sabiex jittiehdu procedimenti ai termini tal-imsemmi Artikolu 325(c) u dan hlief fejn il-hsara tkun maghmula fi proprjeta` pubblika. F'dan il-kaz, ghalkemm il-vettura in kwistjoni kienet misjuqa minn pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga, jirrizulta car anke mit-tielet imputazzjoni stess illi l-proprjetarja ta' din il-vettura kienet is-socjeta` Topcar Services Ltd. u ghalhekk din il-vettura ma kinitx proprjeta` pubblika. Anke **Sergio Camilleri**, li mill-atti jirrizulta li huwa rapprezentant tal-imsemmija socjeta`, jixhed illi fiz-zmien in kwistjoni, din il-vettura kienet mikrija lill-Korp tal-Pulizija.[37] Mill-banda l-ohra, mill-atti ma jirrizultax illi saret kwerela da parti tal-istess socjeta` jew rapprezentanti taghha, sabiex ikunu jistghu jittiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat odjern in konnessjoni mal-hsara minnha sofferta. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Permezz tal-hames imputazzjoni, imbaghad, l-imputat jinsab akkuzat talli saq il-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 b'giri aktar milli jmiss u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Mix-xhieda prodotta u citata izjed 'il fuq, jirrizulta car illi l-imputat saq bir-*reverse* b'velocita` eccessiva fi Triq San Girgor, iz-Zejtun biex jittenta jahrab mill-pulizija, sakemm waqaf u dan hekk kif irrealizza li ma kellux triq ohra hlief li jaghmel dan. Li l-imputat kien qed isuq b'velocita` eccessiva jirrizulta car mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija prezenti fil-hin in kwistjoni li fil-fehma tal-Qorti ma thalli l-ebda dubju dwar dan. Veru illi d-danni kkawzati fuq iz-zewg vetturi involuti fil-habta kienu minimi, izda mill-provi prodotti, dan jista' biss jigi attribwit ghall-fatt illi l-imputat induna li l-vettura Hyundai Getz kienet qalghatu, apparti li kienet qeghda tinsegwih ukoll vettura ohra ossia dik misjuqa minn PC 10, li eventwalment ghalqitu min-naha ta' quddiem u ghalhekk naqqas il-velocita` li kien ghaddej biha hekk kif induna li ma kellux triq ohra hlief li jieqaf. Anke l-posizzjoni taz-zewg vetturi fuq l-i*sketch* esebit a fol. 23 tal-process tindika b'mod car illi l-vettura Hyundai Getz diga` kienet qabzet il-vettura tal-imputat u li kien

[37] A fol. 112 u 113 tal-process.

ghalhekk l-imputat li dahal fl-istess vettura u mhux kif jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu ossia illi huwa kien diga` wieqaf meta hakket mieghu l-vettura misjuqa mill-pulizija.

Dwar sewqan traskurat u perikoluz, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004, fejn inghad hekk:

"Fil-kawza citata mill-ewwel Qorti, u cioe' l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

"***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

***Sewqan perikoluz*** *(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

"*...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo****,14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye'* (*App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])*".

Fil-fehma tal-Qorti, m'hemmx dubju illi s-sewqan tal-imputat kien sewqan bla kont. Dwar jekk is-sewqan tal-imputat kienx jammonta wkoll ghal sewqan perikoluz, il-Qorti tikkunsidra fl-ewwel lok, illi l-imputat kien qed isuq b'velocita` eccessiva bir-*reverse* meta allura huwa izjed difficli ghas-sewwieq li jikkontrolla l-vettura tieghu milli meta jkun qed isuq 'il quddiem u li in oltre huwa ghamel dan tal-inqas ghal distanza ta' mitt metru. Fit-tieni lok, dan is-sewqan da parti tal-imputat sehh fil-genb tal-knisja taz-Zejtun ossia Triq San Girgor, li certament m'hijiex xi *side street* jew xi triq remota fiz-Zejtun, izda triq principali fic-centru tar-rahal. Fit-tielet lok, ghalkemm ma ngabet l-ebda prova dwar x'kien l-istat tat-triq dak il-hin, ossia jekk kienx hemm nies ghaddejjin bir-rigel jew vetturi ohrajn misjuqa minn terzi li kienu qeghdin jaghmlu uzu mill-istess triq, jirrizulta zgur illi apparti l-Hyundai Getz li giet minn quddiem, kien hemm ukoll il-vettura misjuqa minn PC 10 Trevor Cassar Mallia li dak il-hin kienet hierga mill-parkegg mal-genb tal-knisja. Li l-imputat ra din il-vettura gejja jirrizulta wkoll mix-xhieda tieghu, fejn jghid illi l-ewwel giet vettura wahda '*hekk*' u dan b'referenza ghall-Hyundai Getz u li mbaghad "*kif ersaqt lura jien bil-karozza, dahlet ohra minn warajja*".[38] In oltre dan is-sewqan bir-*reverse* da parti tal-imputat sehh appena PC 1348 Joseph Campbell resaq mal-vettura tal-imputat u ppruva jiftahlu l-bieba biex iwaqqfu. Li s-sewqan tal-imputat kien wiehed perikoluz ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom imbaghad jirrizulta daqstant car mix-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia li jghid izjed minn darba illi "*Kieku jiena bqajt hiereg ghal gol-main road u laqatni kien idawwarni 6 dawriet zgur bil-karozza. Gas mal-pjanca jigifieri, gas down*".[39] Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, is-sewqan da parti tal-imputat kien imur oltre s-semplici sewqan traskurat jew negligenti, izda kien jirravviza dak il-

[38] A fol. 120 tal-process.
[39] A fol. 34 tal-process.

grad gravi ta' sewqan hazin li jikkostitwixxi s-sewqan bla kont u addirittura sewqan perikoluz.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tikkunsidra fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern, liema fedina penali kienet wahda netta.

Tqis ukoll ghal fini tal-ewwel imputazzjoni illi l-imputat instab fil-pussess ta' 1.83 grammi eroina u li din id-droga kienet maqsuma f'numru konsiderevoli ta' boroz, li skond l-imputat kienu jammontaw ghal madwar ghoxrin.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni wkoll ix-xhieda ta' Vicky Scicluna, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, li tispjega kif l-imputat hadem sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u li kampjuni tal-urina li huwa halla minn Lulju 2012 sa Settembru 2013, irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu ta' sustanzi illeciti. Tant kien hemm progress notevoli da parti tal-imputat, li s-sessjonijiet li huwa kien jattendi mal-*key worker* tieghu gew imwaqqfa. Jidher ukoll li l-imputat ghandu mpjieg fiss u jghix hajja stabbli, u dan kif jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' **Kathleen Farrugia**.[40]

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(d) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ukoll illi mix-xhieda ta' Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta, jirrizulta illi l-vettura esebita formalment in atti ossia l-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 hija registrata fuq l-imputat u li ilha hekk registrata mit-28 ta' Lulju 2011. Din il-vettura certament li serviet bhala l-istrument li serva sabiex isir ir-reat fil-hames imputazzjoni, liema reat huwa delitt. La darba din il-vettura tinsab esebita in atti u la darba jirrizulta car illi l-istess vettura hija registrata f'isem l-imputat, il-Qorti qed tordna l-konfiska taghha ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

---

[40] A fol. 134 *et seq* tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-L.S. 101.02, l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-proviso ghall-Artikolu 55 tal-Kap. 65 u t-Tieni Skeda tal-istess Kapitolu, l-Artikoli 17(d) u (f) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat mhux hati ta’ dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar l-aggravju tad-distanza, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati ta’ dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga eroina, tar-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena komplessiva ta’ **disa’ (9) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta’ disa’ mitt Euro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas mill-hati b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta’ prigunerija li qeghda tigi erogata b’din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-esperti mahtura f’dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta’ tliet mija, erbgha u tmenin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€384.44) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija, disgha u sebghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€479.61), b’kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta’ tmien mija, erbgha u sittin Euro u hames centezmi (€864.05). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien seba’ (7) xhur dekorribbli mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta’ prigunerija li qeghda tinghata b’din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-vettura Toyota Corolla bin-numru ta’ registrazzjoni BBR 713 favur il-Gvern ta’ Malta u ai termini tal-istess artikolu u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta’ elf, sitt mija u disghin Euro (€1,690), formanti parti minn Dokument JF3, favur il-Gvern ta’ Malta.

In oltre tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet kollha (hlief ghall-flus u l-*mobiles*) formanti parti minn Dokument JF 3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in

gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* formanti parti minn Dokument JF 3 favur il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat